



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0398/2012

20.12.2012

RAPPORT

dwar il-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, implimentazzjoni u applikazzjoni
(2012/2075(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Rosa Estaràs Ferragut

RR\923035MT.doc

PE496.502v02-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	9
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	12

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, implimentazzjoni u applikazzjoni (2012/2075(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 175, 212 u 222 tat-TFUE,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-7 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea li jissupplimenta l-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib fil-proċedura baġitarja²,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2011)0613),
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea 2010 (COM(2011)0694),
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali 2008 kif ukoll ir-Rapport dwar l-esperjenza li nkisbet wara sitt snin ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid (COM(2009)0193),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea³,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea⁴,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 3/2008 tal-Qorti tal-Awdituri – Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: huwa rapidu, effiċjenti u flessibbli biżżejjed?⁵,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ ĠU L 311, 14.11.2002, p.3.

² ĠU C 283, 20.11.2002, p.1.

³ ĠU C 297E, 7.12.2006, p. 331.

⁴ ĠU C 181, 21.6.2012, p.52.

⁵ ĠU C 153, 18.6.2008, p.1

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0398/2012),
- A. billi l-Artikolu 222 tat-TFUE jistipula li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jaġixxu flimkien fi spirtu ta' solidarjetà jekk xi Stat Membru jkun suġġett għal attakk terroristiku jew ikun vittima ta' diżastru naturali jew ikkaġunat mill-bniedem;
- B. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) huwa l-istrument ewlieni biex tintwera s-solidarjetà tal-Unjoni billi jipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti lill-Istati Membri jew reġjuni milquta minn diżastri serji;
- C. billi l-FSUE, meta tkun meħtieġa l-mobilizzazzjoni tiegħu, huwa ġeneralment meqjus bħala wieħed mill-aktar strumenti sodisfaċenti li għandha l-Unjoni Ewropea peress li jikkostitwixxi l-aktar espressjoni ċara, deċiżiva u importanti tas-solidarjetà Ewropea maċ-ċittadini tagħha f'sitwazzjoni diffiċli;
- D. billi l-proposta leġislattiva tal-2005 għal regolament ġdid dwar il-FSUE sabet appoġġ kbir fil-Parlament Ewropew, iżda rriżulta li ma kinitx aċċettabbli għall-maġġoranza tal-Istati Membri u finalment ġiet irtirata mill-Kummissjoni;
- E. billi l-kriżi attwali tobbliġa lill-Istati Membri u lill-UE biex ma jonfqux iżżejjed;
- F. billi serje ta' rapporti kkonkludew li r-Regolament attwali dwar il-FSUE¹ jeħtieġ li jiġi emendat bl-għan ewlieni li jsir aktar flessibbli u titjeb l-operabbiltà tiegħu, filwaqt li jiġi rrispettat dejjem il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Implimentazzjoni tal-FSUE

1. Jenfasizza l-importanza tal-FSUE bħala l-istrument ewlieni li jippermetti lill-Unjoni Ewropea tirrispondi għal diżastru serju li jseħħ fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiżi li qegħdin jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom fl-UE;
2. Jenfasizza li, minkejja l-perċezzjoni tajba taċ-ċittadini, għandu jitjeb il-mod kif jopera, billi jiġi jsir aktar flessibbli u jingħata viżibbiltà akbar sabiex tittejjeb il-kredibbiltà tal-Unjoni Ewropea maċ-ċittadini tagħha;
3. Jenfasizza l-importanza tal-għajnuna mogħtija lill-Istati Membri mill-FSUE biex ittaffi l-piż fuq il-finanzi pubbliċi meta jiffaċċjaw emerġenzi kkawżati minn diżastru serju, li f'ħaqqa każijiet ma jkunux jistgħu jlaħħqu miegħu;
4. Jikkunsidra li ż-żmien attwalment meħud biex jiġi mmobilizzat il-fond huwa twil iżżejjed u għaldaqstant jindika l-ħtieġa li tittejjeb l-effikaċja u l-ħeffa tal-proċeduri amministrattivi

¹ Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 3/2008; rapport mill-Kummissjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea 2010, COM(2011) 694 finali, 31/10/2011; rapport mill-Kummissjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea - Rapport Annwali 2008 u Rapport dwar l-esperjenza li nkisbet wara sitt snin ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid, COM/2009/0193 finali, 23/04/2009; Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, COM(2011) 613 finali, ECO/319, 28/03/2012.

meħtieġa għall-mobilizzazzjoni tiegħu, li teħtieġ l-intervent ta' tliet istituzzjonijiet Ewropej qabel ma tkun tista' tingħata l-approvazzjoni, bil-konsegwenza li dawn il-proċeduri jdewmu u jtawlu b'mod eċċessiv iż-żmien meħud biex tingħata għajjnuna lill-Istati Membri affettwati minn diżastru, u b'hekk ma jintlaħqux ir-riżultati mixtieqa;

5. Jirrimarka li l-maġġoranza tal-applikazzjonijiet (63 %) saru fil-kategorija eċċezzjonali ta' "diżastru reġjonali" u li, minn dawn, 66 % ġew miċħuda wara evalwazzjoni mill-Kummissjoni;
6. Huwa tal-fehma li, fil-każ ta' dawk li huma meqjusa diżastri "li qed jiżviluppaw bil-mod", id-dispożizzjonijiet attwali tar-regolament jippreżentaw diffikultajiet legali u prattiċi għall-mobilizzazzjoni, u għalhekk jitlob li l-Kummissjoni tikkunsidra li turi iktar flessibbiltà fir-rigward tal-iskadenza stabbilita għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, biex tkun tista' tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li ħsara bħal din tkun tista' wkoll tiġi koperta mill-FSUE;

Rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-FSUE

7. Jilqa' d-deċizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li ssir reviżjoni tar-Regolament attwali dwar il-FSUE, bil-għan li jitjiebu l-funzjonament u t-tħaddim tiegħu; jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li, minħabba l-kriżi ekonomika attwali, il-proposta għal emenda tar-regoli ma għandha toħloq ebda piż finanzjarju addizzjonali, la għall-baġit tal-Unjoni u lanqas għal dak tal-Istati Membri;
8. Jirrimarka li għandu jkompli japplika l-prinċipju li min huwa responsabli għad-danni jħallas, sabiex l-użu tal-FSUE ma jkunx jista' jeżenta lil dawk responsabbli għal diżastru mir-responsabbiltà tagħhom;
9. Jikkunsidra li l-oppożizzjoni ta' ċertu għadd ta' Stati Membri, beżgħana li xi bidliet sinifikanti fil-bażi ġuridika ta' dan l-istrument jinvolvu nfiq ekonomiku akbar, mhix iġġustifikata u llimita l-aġġustament tar-Regolament tal-2002¹ għal ċerti kjarifiki u tentattiv biex jittejjeb it-tħaddim tiegħu; jirrimarka li sfortunatament, mill-ħolqien tal-Fond, id-diżastri fir-reġjuni tal-Unjoni Ewropea żdiedu b'mod sinifikanti fin-numru, fin-natura, fis-severità u fl-intensità;
10. Jilqa' madankollu l-fatt li s-sempliċi introduzzjoni ta' ċerti aġġustamenti fir-regoli fis-seħħ tikseb titjib sinifikanti fil-funzjonament tiegħu, filwaqt li jinżamm l-iskop u n-natura tiegħu, li jikkonsisti prinċipalment fil-fatt li jkun strument flessibbli u effettiv li jista' jipprovi għajjnuna fil-pront liċ-ċittadini affettwati minn fenomenu li jkollu riperkussjonijiet erji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-benessri tagħhom;
11. Jistaqsi jekk definizzjoni iktar ċara u preċiża tal-kunċett ta' diżastru tistax tgħin biex jitnaqqas ix-xettiċiżmu ta' ħafna mill-Istati Membri li jopponu riforma profonda ta' dan l-istrument tal-UE;

Tnaqqis tal-ħin meħtieġ biex tingħata għajjnuna

¹ ĠU L 311, 14.11.2002, p.3.

12. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu ssimplifikati l-proċeduri burokratiċi meħtieġa għall-mobilizzazzjoni dan l-istrument tal-UE, bil-ħsieb li jiġi mnaqqas il-ħin bejn il-mument meta jseħħ id-diżastru u dak li fih l-Istat Membru jew reġjun ikkonċernat jirċievi l-għajjnuna, li xi kultant idum aktar minn sena; jirrimarka, madankollu, li dan l-istrument ma ġiex maħluq biex jagħti rispons rapidu iżda biex jiffinanzja mill-ġdid operazzjonijiet ta' emerġenza ffinanzjati inizjalment mill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż ikkonċernat;
13. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri fil-livell Ewropew sabiex jitnaqqas id-dewmien; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom janalizzaw ukoll il-proċeduri amministrattivi tagħhom u jidentifikaw u jneħħu xkiel possibbli li jista' jkun ta' ostaklu għall-mobilizzazzjoni aktar mgħaġġla ta' għajjnuna lir-reġjuni affettwati;
14. Jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni, sabiex jiżguraw li l-għajjnuna tal-Unjoni tkun viżibbli u effettiva fil-post, u biex jipromwovu soluzzjonijiet sostenibbli;
15. Iqis li l-proposta tal-Kummissjoni marbuta mal-amalgamazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' għoti u l-ftehimiet ta' implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija interessanti u xierqa ladarba l-Parlament u l-Kunsill ikunu għamli disponibbli r-riżorsi finanzjarji, peress li twassal biex jiġi ffrankat il-ħin u, konsegwentement, twassal għal rispons aktar rapidu;
16. Iqis li minħabba l-inċertezza u l-imprevedibbiltà tan-numru u s-severità tad-diżastri li jistgħu jseħħu, il-FSUE għandu jibqa', bħal ma hu fil-preżent, barra mill-baġit tal-Unjoni u jiġi mobilizzat biss meta jseħħu diżastri;
17. Jaqbel mal-idea li l-introduzzjoni tal-possibbiltà li jitħallsu ħlasijiet bil-quddiem malli l-Istat affettwat ikun applika għall-għajjnuna hija wkoll mod vijabbli biex jitħaffef il-proċess tal-għoti tal-għajjnuna lill-pajjiżi milquta minn diżastru kbir, u li tgħin sabiex titjeb l-effettività tal-FSUE; iqis li, jekk jiġi deċiż hekk, il-ħlasijiet bil-quddiem għandhom jikkostitwixxu persentaġġ fiss tal-għajjnuna totali li tkun mistennija li se tingħata u li, f'każ li l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata, għandhom jingħataw lura lill-baġit tal-Unjoni;

Aktar ċarezza dwar il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

18. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni u l-kopertura tal-Fond, filwaqt li tiġi eliminata kwalunkwe inċertezza legali possibbli dwar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-Istati Membri jippreżentaw applikazzjonijiet pressjoni miċ-ċittadini tagħhom għalkemm ikunu jafu li l-applikazzjonijiet tagħhom se jkollhom jiġu rrifjutati;
19. Huwa tal-fehma li jekk diżastru jikkawża "effett ta' kaskata", id-danni "kollaterali" għandhom jiġu koperti taħt il-Fond meta jaffettwaw sinifikament l-istruttura soċjoekonomika ta' reġjun;
20. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ddefinit b'mod ċar u sempliċi x'inhu diżastru fil-livell reġjonali u li tiġi ċċarata l-eliġibbiltà tad-diżastri li jseħħu fil-livell reġjonali, permezz tal-introduzzjoni ta' kriterju sempliċi u oġġettiv li jippermetti li jiġu assimlati mad-diżastri l-

oħra, filwaqt li tiġi eliminata kull possibbiltà ta' interpretazzjoni spekulattiva u kull dubju rigward l-eliġibbiltà tagħhom fost l-applikanti;

21. Iqis li l-kriterju bbażat fuq il-limitu minimu tad-dħul jista' jiġi adottat bħala kriterju bażiku ġenerali għal kull tip ta' diżastru; jenfasizza li, f'każ li dan jiġi stabbilit bħala indikatur li jiddetermina l-eliġibbiltà ta' diżastri reġjonali, għandu jiġi aġġustat biex ikun allinjat fil-livelli tal-PDG reġjonali tal-aħħar sena li jkollha figuri uffiċjali disponibbli, filwaqt li jiġi applikat fattur korrettiv definit minn qabel, li jiġbor it-telf li ma jistax jiġi kkwantifikat f'termini ta' dħul kif ukoll l-effetti diretti u indiretti li normalment jakkumpanjaw diżastru reġjonali, li ta' spiss ikunu ħafna akbar minn dawk li jiġu kkalkulati f'termini ta' dħul;
22. Huwa tal-fehma li l-limitu minimu ta' danni ta' 1.5 % tal-PDG reġjonali fil-livell NUTS 2¹ propost għad-definizzjoni tal-eliġibbiltà ta' diżastru reġjonali jiċċara l-aspettattivi dwar l-eliġibbiltà jew le ta' applikazzjoni potenzjali għal mobilizzazzjoni tal-Fond, iżda jissottolinja li peress li ntlaħaq kważi l-istess riżultat bħal bil-kriterji attwali għad-diżastri reġjonali, kważi dawk kollha li jseħħu fil-livell reġjonali ser ikomplu jkunu inammissibbli; jirrimarka, għalhekk, li limitu minimu tant għoli mhux se jagħti r-rispons li jistennew iċ-ċittadini u, għalhekk, mhux se tiġi evitata l-frustrazzjoni fost il-vittmi ta' diżastru li, għall-kuntrarju ta' dan, se jkomplu jikkundannaw l-azzjonijiet tal-Unjoni u jakkużawha b'nuqqas ta' sensitività lejn iċ-ċittadini tagħha;
23. Ifakkar li l-prevenzjoni tad-diżastri għandha rwol vitali fil-politiki tal-Unjoni u tirrappreżenta l-irha mod kif titnaqqas il-vulnerabbiltà għad-diżastri; jenfasizza li r-reġjuni tal-UE għandhom jagħmlu użu koerenti tal-opportunitajiet kollha ta' finanzjament differenti għall-prevenzjoni sostenibbli tad-diżastri;
24. Jissottolinja li għandu jkun ċar li n-nixfa se tkompli titqies bħala tip ta' diżastru eliġibbli għall-FSUE, b'iffukar fuq il-mitigazzjoni tal-effetti soċjoekonomiċi u ambjentali tal-każijiet ta' nixfa fil-kuntest tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u filwaqt li jitqies il-fatt li din hija problema strutturali dejjiema li diffiċli tiġi rrikonċiljata mal-iskadenzi għall-applikazzjonijiet stabbiliti u li għandha riperkussjonijiet serji fuq l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjuni affettwati; jinsisti, għaldaqstant, li f'każ ta' nixfa serja jew diżastri oħra li jiżviluppaw bil-mod, għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi li jistabbilixxu d-data tal-ewwel intervent tal-awtoritajiet pubbliċi kontra l-fenomeni, biex b'hekk ikun possibbli rispons rapidu u legalment ċar;
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina u tadatta l-kriterji sabiex il-FSUE jkun jista' jagħti rispons għad-diżastri naturali fil-Mediterran, li huma dawk li, parzjalment minħabba t-tibdil fil-klima, huma l-aktar diżastri naturali serji li qed iseħħu fl-Unjoni f'dawn l-aħħar snin;
26. Jirrimarka li l-FSUE ma jkoprix id-danni kollha li jirriżultaw minn diżastru naturali, u d-danni li jaqgħu taħt dan l-istrument għandhom għalhekk jiġu definiti kif suppost fi proposta għal regolament fil-futur;

¹ Nomenklatura tal-Eurostat ta' unitajiet territorjali għall-istatistika, livell reġjonali 2: reġjuni bażiċi għall-applikazzjoni tal-politiki reġjonali.

27. Jirrimarka li permezz tal-istrumenti eżistenti huwa diffiċli ħafna biex jingħata rispons adegwat, fil-livell tal-UE, għall-kriżijiet serji li mhumiex ta' orġini naturali, bħalma għe muri fil-każijiet ta' inċidenti industrijali jew il-kriżijiet serji għas-saħħa pubblika, u huwa meħtieġ li, jekk dan iseħħ, l-Unjoni għandu jkollha l-istrumenti xierqa biex toffri rispons xieraq;
28. Jenfasizza l-ħtieġa li l-FSUE jikkomplementa strumenti ta' finanzjament oħra, bħall-fondi strutturali, meta jagħti rispons għad-diżastri naturali, filwaqt li jieħu vantaġġ mill-ħolqien ta' sinerġiji ma' dawn il-mekkaniżmi u programmi assoċjati;
29. Jenfasizza li fil-Qafas Finanzjarju 2014-2020 li jmiss, ir-regġuni għandu jkollhom flessibbiltà suffiċjenti u għandhom ikunu jistgħu jirridistribwixxu r-riżorsi assenjati lilhom sabiex ikunu jistgħu jżidu, jekk ikun meqjus meħtieġ u xieraq, ir-riżorsi disponibbli f'każ ta' diżastri, u jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-regolament fis-seħħ fi żmien opportun għall-perjodu finanzjarju l-ġdid;
- o
- o o
30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Fond ta' Solidarjetà: Għaxar snin ta' applikazzjoni b'suċċess tal-prinċipju ta' solidarjetà fl-UE

Wara l-għargħar devastanti tal-2002 fl-Ewropa Ċentrali, l-Unjoni, fin-nuqqas ta' għodda li tippermettilha tagħti rispons biex tgħin lill-popolazzjoni affettwata u lill-Istat Membru affettwat mid-diżastru, ħolqot strument ġdid: il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Minn dakinhar, lanqas saru bidliet żgħar għar-regolament li jirregola l-Fond ta' Solidarjetà biex jiġi adattat għall-ħtiġijiet ġodda u biex jiġu kkoreġuti wħud min-nuqqasijiet li saru evidenti fl-għaxar snin ta' tħaddim tiegħu.

Mill-bidu tiegħu, u sa Settembru 2012, il-Fond ipprova għajna finanzjarja sabiex itaffi l-ħsara kkawżata minn 49 diżastru, prinċipalment għargħar u nirien.

Fi snin riċenti, il-Kummissjoni rċeviet numru dejjem akbar ta' applikazzjonijiet, minn naħa waħda minħabba li seħħ numru akbar ta' diżastri u, min-naħa l-oħra, minħabba li r-regoli eżistenti mhumiex ċari biżżejjed biex ineħħu d-dubji dwar l-eliġibbiltà possibbli tad-diżastri meta jitressqu applikazzjonijiet skont ir-regoli ta' eċċezzjoni għad-"diżastri reġionali straordinarji".

It-test attwali tar-regolament għal dan it-tip ta' diżastri huwa ambigwu, u għalhekk jagħti tama falza liċ-ċittadini tal-Istati Membri li jippreżentaw l-applikazzjonijiet għal għajna. F'ħafna każijiet l-Istati membri jagħmlu dawn l-applikazzjonijiet taħt pressjoni kemm miċ-ċittadini tagħhom kif ukoll mir-rivali politiċi, li jitolbu azzjoni u risposti deċiżivi mill-Unjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.

Għalhekk huwa kruċjali li r-regolament attwali jiġi rivedut qabel il-perjodu finanzjarju l-ġdid 2014-2020.

Minkejja n-nuqqasijiet fil-funzjonament li setgħu jiġu osservati matul dawn is-snin, il-Fond ta' Solidarjetà rriżulta li huwa wieħed mill-istrumenti tal-Unjoni li għamli l-aktar suċċess u li ġew apprezzati, peress li huwa wieħed mill-ftit li l-Unjoni tuża biex turi s-solidarjetà u l-qrubija tagħha lejn iċ-ċittadini Ewropej. Minkejja l-appoġġ kbir mogħti mill-Parlament Ewropew fl-2005 lill-proposti tal-Kummissjoni, li kkonċernaw reviżjoni fil-fond tar-regolament, għadd sinifikanti ta' delegazzjonijiet fil-Kunsill ma tawx l-appoġġ tagħhom għall-proposta u r-reviżjoni proposta kellha tiġi abbandunata, bir-riżultat li l-proposta leġiżlattiva ġiet irtirata u arkivjata.

Il-bidliet fis-sitwazzjoni ekonomika tal-Unjoni u l-maġġoranza tal-Istati Membri tagħha wasslu lill-Kummissjoni, f'tentattiv ġdid biex dan l-istrument jiġi aġġustat mill-ġdid għar-realtà attwali, biex timmodera l-ambizzjonijiet tagħha u tipproponi biss dawk il-bidliet proċedurali li jtejbu l-operabbiltà tal-Fond mingħajr spejjeż addizzjonali. L-għan ta' din il-proposta ġdida ta' riforma huwa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u tingħata aktar ċarezza, preċiżjoni u trasparenza fid-definizzjonijiet.

Il-ħtieġa li jsiru bidliet żgħar sabiex jittejbu l-funzjonament u l-kwalità tal-FSUE

Il-klima politika attwali kkaratterizzata mis-sitwazzjoni baġitarja diffiċli f'ħafna Stati Membri, tffisser li dawn mhumiex f'pożizzjoni li jaċċettaw proposta simili għal dik tal-2005. Il-maġġoranza tal-Istati Membri għamluha ċara li mhux se jaċċettaw bidliet sostanzjali la fil-bażi ġuridika u lanqas fil-funzjonament tal-Fond ta' Solidarjetà.

Il-Kummissjoni, konsegwentement, abbanundat kompletament l-idea li terġa' tqajjem il-proposta tal-2005 u qed tippreżenta l-ideat tagħha b'determinazzjoni iżda b'moderazzjoni. L-idea ġenerali hi li l-Fond ta' Solidarjetà għandu madankollu jsir aktar effiċjenti.

Is-serje ta' konsultazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni matul dawn l-aħħar snin u r-Rapport tal-2008 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-funzjonament tal-Fond jagħmluha ċara li, filwaqt li fil-każ ta' diżastri kbar, il-Fond jaħdem b'mod sodisfaċenti, dan ma jseħx fil-każ ta' diżastri "iżgħar", li jaqgħu fil-kategorija reġjonali eċċezzjonali. Il-Qorti tikkonkludi li teżisti ambigwiżà fid-definizzjoni ta' diżastru reġjonali u li dan joħloq problemi għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet, li l-maġġoranza tad-drabi jiġu miċħuda.

Il-Qorti tikkritika wkoll b'mod kategoriku n-nuqqas ta' rapidità fil-mobilizzazzjoni ta' dan l-istrument ta' solidarjetà.

Sabiex jiġu jinstab rimsedju għal dawn in-nuqqasijiet u jiġu solvuti l-problemi, il-Kummissjoni issa ppreżentat il-komunikazzjoni li qed tiġi eżaminata. Fil-komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2011 dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni tippreżenta l-idea tagħha għat-titjib tal-Fond, filwaqt li tillimita ruħha għal ċerti aġġustamenti fir-regolament attwali, li se jżomm l-iskop u n-natura tiegħu. Hija ma tibdel la l-baġit tiegħu u lanqas il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, kwistjonijiet li wasslu għar-rifjut tal-proposta preċedenti mill-Kunsill.

L-intenzjoni tal-Kummissjoni f'każ li l-ideat tagħha jiġu milqugħa tajjeb hija li tħejji abboz ta' regolament ġdid f'konformità ma' dak li ġie deċiż, li jidħol fis-seħħ fl-2014, flimkien mal-proposti leġiżlattivi l-oħra li qed jitħejjew. B'kunsiderazzjoni ta' dawn il-limitazzjonijiet kollha, ir-rapporteur hija kompletament konvinta li dan l-istrument tal-Unjoni huwa kemm utli kif ukoll pożittiv. Minbarra li joffri appoġġ għall-operazzjonijiet ta' emerġenza għal persuni milquta minn diżastru u jtaffi l-piż finanzjarju li l-Istati Membri jgorrju meta jseħħ diżastru, juri s-solidarjetà tal-Unjoni maċ-ċittadini tagħha meta jiffaċċjaw sitwazzjoni diffiċli. Ir-rapporteur taqbel mal-Kummissjoni rigward il-ħtieġa li titjeb l-effikaċja tiegħu, billi jitnaqqas iż-żmien li jgħaddi bejn meta jseħħ diżastru u meta tingħata l-għajnuna. Il-proċeduri amministrattivi huma bil-mod, kumplikati u ineffiċjenti, u dan jista' jiġi evitat permezz ta' bidliet żgħar li ma jbidlux il-qalba fundamentali tar-regolament attwali tal-Unjoni.

Minħabba l-konstatazzjoni li l-maġġoranza tal-problemi huma relatati mal-applikazzjonijiet fil-kategorija reġjonali eċċezzjonali, ir-rapporteur tqis li huwa xieraq li jiġi definit b'mod ċar l-aċċess għall-Fond meta jseħħ diżastru kkunsidrat "iżgħar".

Hija tal-fehma wkoll li għad-diżastri li jiżviluppaw bil-mod, li huma l-aktar frekwenti b'mod partikolari fiż-żoni tan-Nofsinhar tal-Unjoni, minkejja li din hija problema strutturali

dejjiema, huwa diffiċli li jiġu rispettati l-iskadenzi għat-tressiq tal-applikazzjonijiet stipulati fir-regolament, u din id-diffikultà għandha tiġi solvuta wkoll.

Ir-rapporteur taqbel rigward il-ħtieġa ta' definizzjoni ċara u preċiża tal-kunċett ta' diżastru, li tistabbilixxi kriterju ġenerali biex tiġi vvalutata s-severità tad-danni kkawżati, u rigward il-ħtieġa li jiġu stabbiliti livelli minimi adattati għal-livell territorjali xieraq. Dan jgħin biex jitneħħew id-dubji u l-attitudnijiet negattivi fir-rigward tal-Unjoni Ewropea kemm fost l-Istati Membri kif ukoll fost il-pubbliku, li inkella jistgħu jaħsbu li l-Unjoni ma toffrix rispons adegwat għall-problemi tagħhom.

Il-burokrazija meħtieġa għall-mobilizzazzjoni tal-Fond għandha titnaqqas. Il-ħlas ta' pagamenti bil-quddiem ikun utli ħafna u xieraq, u l-amalgamazzjoni tal-proċeduri u d-deċiżjonijiet tgħin sabiex tħaffef sew il-proċess attwali.

Dan l-istrument għandu jibqa' barra mill-baġit tal-Unjoni, minħabba l-impossibbiltà li wieħed ikun jaf minn qabel kemm se jkun meħtieġ li jintuża matul is-sena. Dan ikun konformi wkoll mal-idea ġenerali tal-Parlament li dawk l-istrumenti li għandhom jagħtu rispons għal kriżijiet ta' eċċezzjoni u mhux previsti jibqgħu barra mill-baġit.

Kif innutat aktar 'il fuq, ir-rapporteur taqbel dwar il-ħtieġa li jiġu ċċarati l-kriterji ta' aċċess, b'mod partikolari fir-rigward tad-diżastri reġjonali. Madankollu, filwaqt li l-kriterju bbażat fuq il-PDG reġjonali huwa indikatur tajjeb, il-livell minimu stabbilit għadu għoli wisq biex wieħed jirrispondi għad-diżastri li kulma jmur qed isiru aktar frekwenti u serji u li qed iseħħu fir-reġjuni Ewropej. Għandu jiġi introdott grad ta' flessibbiltà, pereżempju bħala korrezzjoni fissa, li tkopri l-ħsarat li ma jistgħux jitkejlu f'termini ta' dħul, bħal ma jistgħu ħsarat fil-pajsaġġ, fil-faċilitajiet ta' rikreazzjoni, ħsarat ambjentali, eċċ., u li jkollhom riperkussjonijiet importanti fuq l-istil tal-ħajja u fuq il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tar-reġjuni affettwati.

Ir-rapporteur tqis li l-Fond għandu jkun jista' jkompli jintervjeni jekk ikun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali anki jekk id-diżastru kkonċernat ma jilħaqx il-limitu għall-eliġibbiltà. Tilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni minkejja li taf li bl-istrumenti eżistenti huwa diffiċli ħafna li jingħata rispons adegwat għall-kriżijiet serji ta' orijini mhux naturali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.11.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Victor Boştinaru, John Bufton, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Tomasz Piotr Poręba, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Andrea Cozzolino, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Heide Rühle, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter